# DEĊIŻJONI (UE, EURATOM) 2015/1569 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tas-16 ta' Settembru 2015

## li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il imħallef tal-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2016. Jeħtieġ li jsir il-proċess tal-ħatriet tagħhom għall-perijodu ta' mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022.

(2) Is-Sur Heikki KANNINEN u Juraj SCHWARCZ ġew proposti għat-tiġdid tal-mandat tagħhom bħala mħallfin tal-Qorti Ġenerali.

(3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Heikki KANNINEN u s-Sur Juraj SCHWARCZ għall-qadi tad-dmirijiet ta' mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għandhom jinħatru mħallfin tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022:

— Is-Sur Heikki KANNINEN,

— Is-Sur Juraj SCHWARCZ.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, fis-16 ta' Settembru 2015.

*Il-President*

C. BRAUN